# Ispirazzjonijiet għall-Premji tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid għall-2021

## Gwida għall-Applikanti

L-ambizzjoni tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid hi li jagħmel il-Patt Ekoloġiku esperjenza kulturali, iffukata fuq il-bniedem u **pożittiva u tanġibbli**. Kulħadd għandu jkun jista' jħoss, jara u jesperjenza t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u l-mod kif din ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħna. Dan jittratta t-tnaqqis tal-isfidi globali bis-soluzzjonijiet lokali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tagħna u biex tiġi appoġġata perspettiva ta' trasformazzjoni usa'.

Il-Bauhaus Ewropew il-Ġdid jittratta l-ħajja tagħna ta' kuljum, filwaqt li jiffoka fuq għajxien aħjar flimkien f'postijiet aktar sbieħ, sostenibbli u inklużivi.

L-objettivi tiegħu huwa li jartikola, b'mod innovattiv, tliet dimensjonijiet ewlenin:

- is-**sostenibbiltà** (inkluż iċ-ċirkolarità),
- l-**estetika** (u dimensjonijiet oħrajn tal-kwalità tal-esperjenza lil hinn mill-funzjonalità)
- l-**inklużjoni** (inkluż l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà).

L-ewwel fażi tal-inizjattiva hija ffukata fuq id-disinn u fuq l-involviment, u għandha l-għan li tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni u se tinforma l-prijoritajiet tal-azzjonijiet tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid. Il-Bauhaus Ewropew il-Ġdid irid jilħaq lill-artisti, lill-attivisti, lid-disinjaturi, lill-periti, lill-istudenti, lix-xjenzati, lill-inġiniera, lill-prattikanti, lil dawk li jfasslu l-politika u liċ-ċittadini interessati kollha. Dawn huma mistiedna jikkontribwixxu għat-tfassil tal-inizjattiva fl-iżvilupp u fil-ġbir ta' konverżazzjonijiet/diskussjonijiet billi jippreżentaw b'mod konkret eżempji, ideat u viżjonijiet ta' ispirazzjoni, jew sfidi u ħtiġijiet.

L-inizjattiva għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien, l-ideat u l-ħtiġijiet bejn dawn l-atturi – biex tippermetti lill-komunitajiet jiżviluppaw **proġetti interdixxiplinarji** veri li jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet aktar komprensivi għall-isfidi lokali identifikati.

Sabiex inħaffu t-tranżizzjoni ekoloġika, nikkontribwixxu għall-irkupru u niżguraw għajxien aħjar flimkien għal kulħadd, irridu **nisfruttaw l-ammont kbir eżistenti ta' għarfien, esperjenza u kapaċitajiet biżżejjed sabiex nitolbu viżjonijiet ġodda, ideat ġodda u soluzzjonijiet ġodda.**

Il-Premji tal-2021 se jkunu parti mill-fażi tad-disinn u se jirrappreżentaw il-kulminu tagħha , peress li l-Premji se jġibu flimkien lil dawk l-eżempji eċċellenti u ideat ġodda li

jistgħu jispiraw il-proġett Bauhaus Ewropew il-Ġdid u jikkontribwixxu għat-tfassil tal-kunċett.

Il-Premji se jirrikonoxxu u se jiċċelebraw il-kisbiet eżistenti u se jappoġġaw il-ġenerazzjoni aktar żagħżugħa biex tkompli tiżviluppa kunċetti u ideat emerġenti. Dawn se jagħtu viżibbiltà lil eżempji u lil kunċetti/ideat ta' proġetti li juru kif it-triangolu tas-sostenibbiltà, l-estetika u l-inklużjoni diġà ġie tradott fit-territorji tagħna, fil-komunitajiet tagħna u fil-prattiki tagħna, jew li jwittu t-triq għall-futur.

Hemm stabbiliti 10 kategoriji differenti għal eżempji eżistenti jew għal ideat u kunċetti ġodda li juru l-valuri tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid u se jservu ta' ispirazzjoni għall-Bauhaus Ewropew il-Ġdid.

F'kull waħda mill-għaxar kategoriji, hemm stabbiliti żewġ oqsma tal-kompetizzjoni paralleli:

- Qasam A: "Il-**Premji tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid**" se jkunu ddedikati għal eżempji eżistenti ta' proġetti li diġà ġew kompletati u

- Qasam B: "**L-Istilel Promettenti tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid**" se tkun iddedikata għal kunċetti jew ideat ippreżentati minn talenti żgħażagħ ta' mhux aktar minn 30 sena.

L-eżempji u l-kunċetti/ideat kollha tal-proġett magħżula minn qabel se jingħataw viżibbiltà qabel l-għażla finali fuq is-sit web deżinjat tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid (ara hawn taħt). Minbarra ammont monetarju, kull rebbieħ ta' premju se jibbenefika minn sħubija tal-midja pprovduta mill-Kummissjoni għal attivitajiet ta' komunikazzjoni ddedikati.

F'kull qasam, ir-rebbieħa fl-għaxar kategoriji se jirċievu l-premju tagħhom f'ċerimonja uffiċjali li ssir mill-Kummissjoni Ewropea.

## L-10 Kategoriji

**Sabiex nikkontribwixxu għal postijiet sbieħ, sostenibbli u inklużivi, qed infittxu:**



### Tekniki, materjali u proċessi

### għall-kostruzzjoni u d-disinn

*Qed infittxu eżempji ta' soluzzjonijiet għall-ambjent mibni tagħna biex nikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, nipproteġu l-ambjent tagħna u nagħmlu l-postijiet aktar affordabbli u inklużivi. X'inhuma t-tekniki u l-materjali innovattivi għal dak il-għan? Liema għodod jistgħu jappoġġaw id-disinn u l-kokreazzjoni biex jitwettqu proċessi ta' bini u ppjanar aktar sostenibbli?*

## 2 Il-bini fi spirtu ta' ċirkolarità

*Qed infittxu postijiet/siti fiżiċi eżemplari li juru l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materjali; element ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn jistgħu jkunu eżempji ta' rinnovazzjonijiet, jew bini ppjanat b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkolarità sħiħa. Eżempji bħal dawn għandhom jispirawna minħabba s-sbuħija tagħhom u l-kontribut tagħhom għall-inklużività, fir-rigward tal-funzjoni jew tal-aċċessibbiltà tagħhom*

## 3 Soluzzjonijiet għall-koevoluzzjoni tal-ambjent mibni u tan-natura

*Qed infittxu eżempji li juru kif l-ambjent mibni jista' jikkontribwixxi għall-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet kulturali u soċjali. L-eżempji jistgħu jkunu relatati pereżempju mal-armonizzazzjoni tal-bini mal-pajsaġġ, jew mal-integrazzjoni tan-natura ħajja fil-kostruzzjoni. Għandhom juru kif il-bijodiversità jew il-konservazzjoni tal-ilma u tal-ħamrija jistgħu jiġu rispettati u promossi permezz tal-bini u tal-ippjanar.*

## 4 Spazji urbani u rurali riġenerati

*Qed infittxu eżempji emblematiċi ta' riġenerazzjoni territorjali li jikkombinaw is-sostenibbiltà, l-estetika u l-inklużjoni, u li ġew żviluppati bil-parteċipazzjoni kbira u bl-involviment profond taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati kollha. Dawn jistgħu pereżempju jkunu rikonverżjonijiet ta' żoni abbandunati jew żvantaġġati fl-ibliet, titjib tat-territorji u tar-reġjuni li sejrin lura, proġetti eżemplari mmirati biex jegħlbu s-segregazzjoni u jagħtu aċċess għall-postijiet.*

## 5 Prodotti u stil tal-ħajja

*Qed infittxu prodotti u proċessi li jikkontribwixxu għal stil ta' ħajja sostenibbli, attraenti u inkluživ. Jistgħu jkunu moda, jew għamara, jew arredament intern, iżda anke ikel jew elementi oħrajn tal-ħajja tagħna ta' kuljum.*

## 6 Wirt kulturali ppreservat u ttrasformat

*Qed infittxu eżempji ta' suċċess tal-wirt kulturali li ngħata valur fl-ispirtu tas-sostenibbiltà, l-estetika u l-inklużività. Dawn jistgħu jkunu mudelli eżemplari ta' preservazzjoni li jtejbu l-aċċess għall-wirt kulturali għal kulħadd, jew konverżjoni mill-ġdid tal-infrastruttura tal-wirt bi skop soċjali qawwi u b'impronta tal-karbonju baxxa.*




**Postijiet ivvintati mill-ġdid għat-tlaqqigħ u l-iskambji**

*Qed infittxu eżempji ta' ispirazzjoni ta' kif l-ispazji jistgħu jintużaw għal skambji pożittivi u għall-bini tal-komunità. Dan jista' jkun pereżempju permezz ta' żvilupp u użu eżemplari ta' spazji pubbliċi bħal toroq, pjazez u parks; jew b'mod partikolari mudelli ta' ispirazzjoni taċ-ċentri komunitarji, ġonna komunitarji, postijiet ta' kokreazzjoni li jikkombinaw l-istil ma' skop soċjali qawwi u mas-sostenibbiltà.*




**Mobilizzazzjoni tal-kultura, tal-arti u tal-komunitajiet**

*– Qed infittxu eżempji li juru l-impatt tal-arti għall-bini sostenibbli tal-komunità. Dawn jistgħu jkunu avvenimenti, festivals, spettakli kulturali li jlaqqgħu lill-komunitajiet flimkien. Jistgħu jkunu eżempji ta' rakkontar ta' stejjer li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali u l-Patt Ekoloġiku, jew attivitajiet ta' trasformazzjoni ċċentrati madwar l-arti u l-kultura li jgħinu fil-bini tal-koeżjoni soċjali u fl-iżvilupp ta' sens kondiviż ta' sjieda tal-ispazju.*




**Soluzzjonijiet ta' għajxien modulari, adattabbli u mobbli**

*Qed infittxu soluzzjonijiet innovattivi ta' interventi/akkomodazzjoni li jirrispondu għal ħtiġijiet temporanji ta' emerġenza bi standards estetiċi għoljin u sostenibbli. Dawn jistgħu jkunu wkoll soluzzjonijiet modulari għal ekosistemi dinamiċi bħal residenzi universitarji b'impronta ambjentali ħafifa u sens ta' ġmiel.*




**Mudelli edukattivi interdixxiplinarji**

*Qed infittxu mudelli u metodi edukattivi li jintegraw il-valuri tas-sostenibbiltà, tal-inklużjoni u tal-estetika fil-kontenut tal-kurrikuli u fil-proċess tal-apprendiment. Dan jinkludi wkoll mudelli innovattivi ta' taħriġ għall-professjonisti bbażati fuq l-integrazzjoni interdixxiplinarja tax-xjenza, tal-arti u tal-istudji soċjali.*

## Kif tapplika

L-applikazzjoni għall-premju se ssir permezz tas-sit web tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid.

L-eżempji eżistenti (il-Qasam A) jew il-kunċetti/ideat (il-Qasam B) se jiġu deskritti fil-formoli ta' applikazzjoni dettaljati skont liema qasam tagħżel fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħek.

B'mod partikolari, l-applikazzjoni se tispjega **għaliex u kif l-eżempju jew l-idea/kunċett tal-proġett jirrappreżenta l-konkretizzazzjoni tat-triangolu tal-valuri li jirfdu l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid, kif ukoll analiżi tad-dimensjoni innovattiva tagħha.** Barra minn hekk, għall-qasam B, l-applikazzjoni se tispjega l-istadji previsti għall-iżvilupp jew għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-kunċett jew tal-idea.

Il-perjodu ta' applikazzjoni se jibda fit-**23/04/2021** u se jintemm fil-**01/06/2021**.

L-applikazzjonijiet għall-Premji tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid jistgħu jiġu ppreżentati mill-individwu/i u mill-organizzazzjoni(jiet) (amministrazzjoni territorjali, promotur jew organizzatur tal-proġett, eċċ.) li huwa/huma intitolat(i) li jirrappreżenta(w) l-inizjattiva. L-applikazzjonijiet konġunti huma permessi.

L-applikazzjoni għandu jkun fiha spjegazzjoni dwar ir-rwol tal-entità/entitajiet applikanti fil-proġett[1].

L-applikazzjonijiet għall-Istilel Promettenti tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid jistgħu jiġu ppreżentati minn individwi jew minn gruppi ta' individwi li jkollhom 30 sena jew inqas fid-data tat-tmiem ta' din is-sejħa: 31/05/2021.

L-applikazzjonijiet jistgħu jinbidlu waqt li jkunu għadhom fil-verżjoni abbozz tagħhom, iżda ladarba jiġu sottomessi, ma jkunux jistgħu jiġu elaborati aktar.

## F'hiex jikkonsisti l-premju?

Ir-rebbieħa f'kull kategorija u f'kull qasam se jirċievu ammont monetarju (rebbieħ wieħed għal kull kategorija f'kull qasam):

- EUR 30 000 għar-rebbieħa tal-Premji tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid, u
- EUR 15 000 għar-rebbieħa tal-Istilel Promettenti tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid.

Ir-rebbieħa kollha se jirċievu wkoll pakkett ta' komunikazzjoni (eż. il-ħlas tal-media, il-produzzjoni ta' dokumentarju qasir, kif jippreżentaw il-proġett).

## Il-proċess tal-għażla

L-għażla tar-rebbieħa se tiġi organizzata u skrutinizzata minn Kumitat ta' Evalwazzjoni magħmul minn rappreżentanti tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-Kumitat se jiżgura r-rispett tar-regoli applikabbli, inkluż f'termini ta' kunflitt ta' interess.

Il-proċess tal-għażla, se jsir f'diversi stadji.

**Fl-ewwel stadju,** il-Kumitat ta' Evalwazzjoni se jirrieżamina l-applikazzjonijiet kollha biex jivvaluta l-eliġibbiltà tagħhom.

**Fit-tieni stadju,** l-applikazzjonijiet kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà se jiġu ppubblikati fuq is-sit web għal votazzjoni mill-pubbliku. Il-votazzjoni għall-pubbliku se

[1] Jekk jogħġbok innota, "**proġett**" għall-bqija ta' dan id-dokument għandha tinqara kif ġej: għall-Qasam A, il-proġett huwa eżempju ta' proġett eżistenti, għall-Qasam B, il-proġett huwa kunċett jew idea.

tkun miftuħa esklussivament għal individwi u entitajiet li jkunu abbonaw għall-Bullettin tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid sal-31 ta' Mejju 2021. Il-votazzjoni ssir permezz ta' sistema online sigura. Kull votant se jkollu vot wieħed għal kull kategorija f'kull qasam.

**Fit-tielet stadju,** it-tliet proġetti li jirċievu l-akbar ammont ta' voti għal kull kategorija f'kull qasam jiġu vvalutati minn ġurija magħmula mill-organizzazzjonijiet li kienu applikaw biex isiru Sħab uffiċjali tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid qabel il-31 ta' Mejju 2021, u li l-logo tagħhom jkun ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Inizjattiva tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid sal- 15 ta' Ġunju 2021. Kull Organizzazzjoni sieħba se tiġi mistiedna timla formoli ta' evalwazzjoni u punti ta' attributi, abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni msemmija hawn taħt.

**Fir-raba' stadju,** il-Kumitat ta' Evalwazzjoni, wara li jkun ivverifika r-regolarità tal-istadji preċedenti u evalwa r-riżultati tal-vot tas-Sħab, se jistabbilixxi l-lista tar-rebbieħa magħżula.

Jekk żewġ applikazzjonijiet ikklassifikati jew aktar jirċievu l-istess numru ta' punti f'kategorija, il-proposta, żviluppata jew implimentata fi Stat Membru li minnu ma tkun tressqet l-ebda applikazzjoni oħra fost ir-rebbieħa fi ħdan il-Qasam, tiġi ddikjarata bħala r-rebbieħa, jekk l-applikazzjoni(jiet) l-oħrajn bl-ogħla klassifikazzjoni tkun/ikunu minn Stat Membru li minnu applikazzjoni tkun fost ir-rebbieħa tal-kategoriji l-oħra fi ħdan dak il-Qasam.

Il-Kummissjoni Ewropea se tagħti l-Premji lir-rebbieħa magħżula abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

Għalkemm proġett jista' jiġi ppreżentat taħt kategoriji differenti, jista' jirċievi premju wieħed biss. Jekk l-istess proġett jiġi kklassifikat bħala l-aqwa wieħed taħt aktar minn kategorija waħda, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni jagħżel il-kategorija li taħtha se jirċievi l-premju. Il-premju fil-kategoriji l-oħrajn se jingħata lit-tieni l-aħjar proġett fil-klassifikazzjoni, wara l-proġett inkwistjoni.

Jekk jogħġbok innota li huma ammissibbli biss formoli ta' applikazzjoni kompluti, mingħajr ebda element nieqes għalihom.

## Kriterji ta' eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet kollha għall-Premji Bauhaus Ewropew il-Ġdid għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

1. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma online mhux aktar tard mill-11:59:59 CET tal-01/06/2021.
2. L-applikazzjonijiet iridu jkunu bl-Ingliż
3. L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata minn:
    a) Fil-qasam A: l-individwu(i) jew l-organizzazzjoni(jiet) (belt jew reġjun, fundatur, organizzatur) li huma intitolati li jirrappreżentaw il-proġett. L-applikanti jistgħu jkunu residenti tal-UE jew mhux tal-UE, sakemm l-eżempji tal-proġetti tagħhom ikunu fiżikament lokalizzati jew żviluppati fl-UE.

b) Fil-qasam B: l-individwu jew il-grupp ta' individwi li jkun l-awtur tal-kunċett/idea. L-applikanti kollha f'dan il-qasam ma jridx ikollhom aktar minn 30 sena fil-31 ta' Mejju 2021. L-applikanti jistgħu jkunu residenti tal-UE jew mhux tal-UE, sakemm il-kunċett/l-idea tagħhom jiġu żviluppati u implimentati fl-UE.

4. L-applikant ma għandux ikun f'wieħed jew f'aktar mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni previsti skont l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju[i]
5. Peress li l-finanzjament doppju huwa strettament ipprojbit, l-applikazzjonijiet li jkopru l-proġetti, u li diġà jkunu rċevew premju tal-UE, ma jistgħux jipparteċipaw fil-kompetizzjoni.
6. L-applikant biss se jerfa' responsabbiltà fil-każ ta' talba relatata mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kompetizzjoni;
7. L-isem tar-rappreżentant legali irid jiġi indikat.
8. L-applikazzjoni għandu jkun fiha informazzjoni u krediti bażiċi għall-eżempju, l-idea jew il-kunċett tal-proġett, flimkien ma':
   a) Fil-qasam A: mill-inqas sitt (6) ritratti b'indikazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u l-awtorizzazzjoni biex jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea.
   b) Fil-qasam B: mill-inqas ritratt wieħed jew rappreżentazzjoni viżiva tal-kunċett/idea b'indikazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u l-awtorizzazzjoni biex jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea.
9. L-applikazzjoni għandha tikkonsisti f'formola ta' applikazzjoni mimlija b'mod sħiħ, kif wieħed isib fuq is-sit web; l-oqsma obbligatorji kollha jridu jkunu mimlijin. Kull applikant irid jiffirma d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza li takkumpanja l-Formola ta' Applikazzjoni.
10. L-applikazzjoni trid tirreferi b'mod ċar għal waħda mill-għaxar kategoriji ta' Premji.
11. Jekk l-istess proġett jiġi ppreżentat għal diversi kategoriji, trid issir applikazzjoni separata għal kull kategorija.
12. L-eżempji tal-proġetti taħt il-qasam A jridu jkunu diġà tlestew fiż-żmien tal-applikazzjoni. Kunċetti, prototipi u soluzzjonijiet (għodod, metodi, ideat) li ma ġewx implimentati f'kuntesti reali mhumiex eliġibbli.
13. Il-kunċetti/l-ideat taħt il-qasam B jistgħu jkunu fi stadji differenti ta' żvilupp mill-kunċetti bikrija sal-livell ta' prototip, u għandhom jiġu ppreżentati bi pjan ta' żvilupp, li jiddeskrivi l-istadji ppjanati previsti biex ikomplu jiġu żviluppati, promossi u/jew implimentati l-kunċett/l-idea b'enfasi partikolari fuq is-sena ta' wara l-applikazzjoni.

## Kriterji tal-aġġudikazzjoni

Il-klassifikazzjoni finali u l-għażla tar-rebbieħa għandhom isiru mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni, li jikkonsisti minn Membri tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom ir-responsabbiltà sħiħa għat-twettiq xieraq u l-eżitu tal-evalwazzjoni abbażi tal-kriterji tal-aġġudikazzjoni li ġejjin:

**Għall-Premji tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid:**

a) Karattru eżemplari tal-proġett fil-kategorija tal-aġġudikazzjoni magħżula. Il-proġetti għandhom juru kif il-valuri ewlenin tas-sostenibbiltà, tal-estetika u tal-inklużjoni ġew segwiti u kkombinati b'mod eżemplari fir-rigward tal-kategorija speċifika. (40 punt/100)

b) Ir-riżultati/l-impatti tal-proġett murija fir-rigward ta' dak li huwa mistenni taħt kull kategorija. (20 punt/100)

c) L-impenn u l-involviment taċ-ċittadini. Se jingħata valur speċifiku lill-kwalità tal-involviment taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil u/jew fl-implimentazzjoni tal-proġett. Il-proġett għandu juri l-benefiċċji li jirriżultaw mill-involviment. (20 punt/100)

d) Dimensjoni innovattiva b'rabta mal-prattiki mainstream. (10 punti/100)

e) Potenzjal għoli għat-trasferibbiltà għal kuntesti differenti, abbażi ta' dokumentazzjoni u komunikazzjoni tal-metodoloġija u tal-prinċipji ċari. (10 punti/100)

**Għall-Istilel Promettenti tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid:**

a) Karattru eżemplari tal-proġett fil-kategorija tal-aġġudikazzjoni magħżula. L-ideat u l-kunċetti għandhom juru kif il-valuri ewlenin tas-sostenibbiltà, tal-estetika u tal-inklużjoni jistgħu jiġu segwiti u kkombinati b'mod eżemplari fir-rigward tal-kategorija speċifika. (50 punt/100)

b) Dimensjoni innovattiva fir-rigward tal-kunċetti u tal-prattiki mainstream (25 punt/100)

c) Ir-rilevanza, il-kwalità u l-kredibbiltà tal-pjan ta' żvilupp b'attenzjoni partikolari għall-istadji previsti fis-sena ta' wara l-applikazzjoni. (25 punt/100)

Se jingħata massimu ta' 100 punt għall-kwalità tal-proposta. Għal kull kriterju huwa meħtieġ punteġġ minimu ta' 50 %. Il-proposti li jissodisfaw dan il-limitu ta' kwalità biss se jitpoġġew fuq il-lista ta' klassifikazzjoni.

**Tħassir tal-premju**

Il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-kompetizzjoni jew tiddeċiedi li ma tagħtix il-premju fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji jew fil-kategoriji kollha, mingħajr ebda obbligu li tikkumpensa lill-parteċipanti, jekk: (a) ma tasal l-ebda applikazzjoni, (b) il-kumitat ta' evalwazzjoni ma jkunx jista' jsib rebbieħ, jew c) ir-rebbieħa ma jkunux eliġibbli jew iridu jiġu esklużi.

**Irtirar tal-premju**

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-premju wara li jingħata u tirkupra l-ħlasijiet kollha li jkunu saru, jekk issib li: (a) intużat informazzjoni falza, kien hemm frodi jew korruzzjoni biex jinkiseb, (b) rebbieħ ma kienx eliġibbli jew kellu jiġi eskluż, (c) rebbieħ ikun kiser b'mod serju l-obbligi tiegħu skont ir-regoli ta' hawn fuq ta' din il-kompetizzjoni;

---

[i] **L-Artikolu 136 (L_2018193MT.01000101.xml (europa.eu))**